MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Numru 310/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**Vs**

**Jane Zammit**

**Illum 30 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Jane Zammit ta' 59 sena, bint William Borg u Catherine nee' Bilocca, imwielda Marsa fl-4 ta' Marzu 1946 u residenti 9, Triq is-Santissima Trinita Marsa. Detentur ta' Karta ta' l-Identita' bin-numru 210346M;

Billi giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2002 u fis-snin ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Approprjat ruha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna jew persuni ohra, minn bicciet tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi l-ammont ta' Lm 500, liema deheb kien jappartjeni lil Josephine Casha u persuni ohra u li gew fdati lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe li jigi uzatti kkonsenjati lil Josephine Casha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata, fil-presenza tal-avukat difensur taghha, iddikjarat li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet iddikjarat li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Rat l-artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Jane Zammit fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Jane Zammit ghall-piena ta'

tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum l-imputata Jane Zammit tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Jane Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------